# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 15**

**Rikors numru 59/17 JRM**

**Michael Pesa**

**v.**

**Direttur ghad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali u Avukat Generali**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-attur Michael Pesa [l-attur] mis-sentenza moghtija fit-8 ta' Novembru 2018, [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [L-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet billi cahdet it-talbiet attrici ghax sabet li l-attur ma garrab l-ebda ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq, la taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u lanqas taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-

Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] fil-kors tal-proceduri ghall-ezekuzzjoni f'Malta tas-sentenza moghtija minn qorti barranija; bl-ispejjez a kariku tal-attur.

Il-Fatti

2. Peress li l-fatti relevanti jinsabu delineati tajjeb fil-korp tas-sentenza appellata, mhux il-kaz li ssir ripetizzjoni taghhom.

Mertu

3. Fir-rikors tieghu pprezentat quddiem L-ewwel Qorti fit-28 ta' Lulju 2017, l-attur talab lil dik il-Qorti sabiex :

> "1. Tiddikjara illi l-proceduri ghal infurzar tal-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Belgju datata 6 ta' Settembru 2013 bin-numru ta' referenza 2013/JR/80 kif addotati mill-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja] permezz ta' digriet tat-8 ta' Novembru 2016 jilledu d-dritt fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq sancit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll mill-Artikolu 39 Kostituzzjoni ta' Malta; u 2.Tipprovdi rimedju inkluz hlas ta' kumpens xieraq".

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

> "Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Ir-rikorrent jgħid li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi proċeduri mnedija f'Malta mid-Direttur intimata f'Marzu tal-2016 li bihom talbet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) biex tordna li, b'eżekuzzjoni

ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell tal-Belġju tliet snin qabel, il-kumpannija li magħha r-rikorrent jaħdem hawn Malta tibda tnaqqaslu somma kull xahar mill-paga tiegħu biex jitħallsu arretrati ta' manteniment li kellhom jitħallsu lil martu skond l-imsemmija sentenza. Huwa jgħid li l-proċedura tnediet b'att li ma jiswiex, li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) naqset li tqiegħed dik il-proċedura għal smigħ, u li d-degriet li bih il-Qorti laqgħet it-talba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti barranija ma kienx wieħed motivat biex jurih għal liema raġuni/jiet il-Qorti Maltija laqgħet it-talba u b'hekk ċaħħditu mill-jedd li jappella minn dak id-degriet;

"Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-intimat Avukat Ġenerali tħarrek għalxejn għax mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi ladarba hu ma kien imdaħħal f'xejn f'dak li minnu jilminta r-rikorrent. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu kif allegat għaliex jgħidu li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mxiet kif titlob il-liġi li tgħodd għall-każ (jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) 4 tal-2009) u li ma titlob l-ebda formalità ta' dikjarazzjoni ta' infurzar jew ta' eżekutività fil-każ ta' pajjiżi – bħalma huma Malta u l-Belġju – li huma marbutin bid-dispożizzjonijiet tal-Protokoll tal-Ajja tal-2007. Iżidu jgħidu li, kontra dak li jallega r-rikorrent, id-degriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Taqsima tal-Familja) fit-3 ta' Diċembru, 2016, kien motivat kif imiss bl-għoti ta' raġunijiet li juru għalfejn dik il-Qorti laqgħet it-talba. Jisħqu fuq il-fatt, li qabel ma r-rikorrent għażel li jiftaħ din il-kawża, huwa naqas li jieħu parti attiva fil-proċeduri tal-infurzar li tnedew kemm fil-Belġju u kif ukoll quddiem il-Qorti f'Malta, u għal dawn in-nuqqasijiet tiegħu stess ma jistax jilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Għalhekk, jgħidu li l-Qorti jmissha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent;

"Illi biex il-Qorti tista' tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha għall-każ jixraq li jissemmew il-fatti rilevanti li wasslu għal din il-kawża. Ir-rikorrent twieled fil-Ġermanja imma illum jgħix u jaħdem f'Malta. Għal xi żmien hu kien miżżewweġ b'tifel li twieled f'Malta f'Settembru tal-2000, iżda ż-żwieġ kien xolt f'April tal-2003, u mart ir-rikorrent u ibnu llum jgħixu fil-Belġju;

"Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-Belġju fil-5 ta' Settembru, 2013[1], fuq appell imressaq minn mart ir-rikorrent, dan tal-aħħar kien kundannat iħallas lil martu Karina għal ibnu Dominic ħames mitt euro (€ 500) kull xahar bħala manteniment b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2012 u aġġustabbli kull sena b'seħħ minn dakinhar skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. L-appell kien jirrigwarda ħwejjeġ oħrajn marbutin mal-kustodja tal-iben minuri, li ma humiex ta' rilevanza għal din il-kawża;

"Illi fuq talba tal-Awtorità kompetenti tal-Belġju (FOD Justitie), id-Direttur intimata ressqet talba quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-

[1] Dok "CB1" f'paġġ. 17 sa 25 tal-proċess

Familja) fl-10 ta’ Novembru, 2015, għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv[2] kontra r-rikorrent għas-somma ta’ sbatax-il elf erba’ mija u tnax-il euro u seba’ ċenteżmi (€ 17,412.07) bħala arretrati għll-manteniment dovuti lil ibnu Dominic Pesa. It-talba għall-ħruġ tal-Mandat intlaqgħet dakinhar li tressqet[3];

“Illi minkejja l-ħruġ tal-imsemmi Mandat, ma nżammu l-ebda assi jew fondi tar-rikorrent intimat f’idejn terzi sekwestratarji. Minħabba f’hekk, fit-3 ta’ Marzu, 2016[4], id-Direttur intimata talbet b’rikors lill-istess Qorti biex tordna lill-kumpannija Besedo Limited, li magħha jaħdem ir-rikorrent, biex tibda tnaqqas il-ħames mitt euro (€ 500) kull xahar mis-salarju tiegħu sakemm tinqata’ s-somma ta’ arretrati ta’ manteniment imsemmija fis-sentenza barranija. Ir-rikorrent laqa’ għall-imsemmija talba billi, permezz ta’ ittra elettronika mibgħuta minn persuna legali mqabbda minnu[5], talab li jingħata kopja tradotta tal-atti għaliex ma kienx jifhem bil-malti, iżda qal ukoll li kien qiegħed jopponi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti barranija;

“Illi fit-22 ta’ April 2016[6], id-Direttur intimata ressqet rikors ieħor quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) biex titlobha tordna t-tnaqqis mill-paga tar-rikorrent u li l-oppożizzjoni tiegħu għat-talba ma kinitx tiswa. Il-Qorti laqgħet it-talba tad-Direttur b’degriet tas-26 ta’ April, 2016. Ir-rikorrent ma kienx notifikat bl-atti tar-rikors. Għalhekk, fis-26 ta’ Ottubru, 2016[7], l-istess Direttur reġgħet talbet lill-Qorti tinnotifika lir-rikorrent bir-rikors tat-22 ta’ April 2016 u tagħtih żmien biex iwieġeb. Fis-7 ta’ Novembru, 2016[8], ir-rikorrent ressaq Tweġiba biex jattakka s-siwi tal-proċess kollu li kien sar biex tkun eżegwita s-sentenza barranija. B’degriet mogħti fit-8 ta’ Novembru, 2016[9], il-Qorti laqgħet it-talba tad-Direttur u ordnat lil Besedo Limited biex iżżomm ħames mitt euro (€ 500) kull xahar mis-salarju tar-rikorrent u tgħaddihom mill-ewwel lil Karina Pesa bħala ħlas ta’ manteniment għal binha Dominic;

“Illi fl-14 ta’ Novembru, 2016[10], ir-rikorrent talab lill-Qorti tfisser aħjar id-degriet tagħha ħalli jkun f’qagħda jikkunsidra jekk imissux jappella minnu jew le. B’degriet mogħti fit-3 ta’ Diċembru 2016[11], il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ċaħdet it-talba tiegħu;

“Illi, sadattant, il-prinċipal tar-rikorrent qiegħda tnaqqas il-ħames mitt euro (€ 500) kull xahar mis-salarju tiegħu[12];

---

[2] Rik. Nru. 256/15, Dok “CB2”, f’paġġ. 32 – 4 tal-proċess
[3] Dok “CB2”, f’paġ. 31 tal-proċess
[4] Dokti “CB3” u “MP1”, f’paġġ. 96 – 7 u 120 – 2 tal-proċess
[5] Dokti “CB3” u “MP1” f’paġġ. 94 – 5 u 179 – 181 tal-proċess
[6] Dok “CB4”, f’paġġ. 99 – 101 tal-proċess
[7] Dok “MP1”, f’paġġ. 254 – 6 tal-proċess
[8] Dok “MP1”, f’paġ. 259 tal-proċess
[9] Dok “MP1”, f’paġ. 261 tal-proċess
[10] Dok “MP1”, f’paġġ. 262 – 3 tal-proċess
[11] Dok “MP1”, f’paġ. 270 tal-proċess
[12] Xhieda tar-rikorrent f’paġ. 113 tal-proċess

"Illi fit-28 ta' Lulju, 2017, ir-rikorrent fetaħ kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex jattakka s-siwi tal-proċedura kollha mnedija kontrih għall-eżekuzzjoni tas-sentenza. Dakinhar ukoll, fetaħ din il-kawża;

"Illi bħala kunsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ il-Qorti tibda biex tirrileva li għalkemm il-partijiet jgħidu li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell tal-Belġju li l-eżekuzzjoni tagħha ntalbet f'Malta ngħatat fis-sitta (6) ta' Settembru, 2013, fil-fatt ingħatat fil-ħamsa (5) ta' Settembru[13]. Ma jidher li kienet ingħatat l-ebda sentenza oħra bejn il-partijiet f'dak ix-xahar. Il-Mandat ta' Sekwestru mitlub mid-Direttur intimata wkoll jgħid li s-sentenza kienet ingħatat fil-5 ta' Settembru, 2013. Għalhekk, minkejja kollox, il-Qorti qiegħda tqis li din il-kawża tirreferi għall-proċeduri ta' eżekuzzjoni mnedija f'Malta dwar dik is-sentenza;

"Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tqis it-**talbiet tar-rikorrent** fil-mertu fid-dawl tal-**eċċezzjonijiet fil-mertu** mqajmin kontrihom. Ir-rikorrent jgħid li l-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq joħroġ minn tliet (3) ċirkostanzi: (i) li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) naqset li tagħti smigħ lill-partijiet biex tisma' x'kellhom xi jgħidu. B'mod partikolari huwa jgħid li ma ngħata l-ebda opportunità biex iressaq quddiem dik il-Qorti spjegazzjonijiet biex bihom kienet tkun f'qagħda aħjar li "tifhem u tanalizza r-risposta tiegħu". Fit-tieni lok, (ii) jgħid li dik il-Qorti ma immotivatx id-deċiżjoni fid-degriet tagħha li bih laqgħet it-talba tad-Direttur intimata li mis-salarju tiegħu titnaqqas somma kull xahar bħala manteniment. U, fit-tielet lok (iii), li l-proċediment kollu mniedi quddiem dik il-Qorti ġab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

"Illi għal dawn l-ilmenti, l-intimati jisħqu li l-proċediment ma jistax jitqies bħala kawża, għaliex huwa proċediment speċjali ta' eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn Qorti barranija u li kienet saret ġudikat. Jgħidu li kien sewwasew fuq is-saħħa ta' dik is-sentenza li l-eżekuzzjoni tagħha ntalbet f'Malta u ladarba r-rikorrent ma waqqax is-saħħa ta' dik is-sentenza, ma jistax jgħid li l-mod tal-eżekuzzjoni tagħha jġiblu ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

"Illi l-Qorti tibda biex tosserva li l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda proċess ta' eżekuzzjoni ta' sentenza li saret ġudikat. Hija dik is-sentenza li iddeterminat id-drittijiet u r-responsabbiltajiet ċivili tar-rispettivi partijiet. Is-sehem tad-Direttur intimata f'dan il-proċess kien bħala awtorità kompetenti f'Malta li tmexxi talba ta' eżekuzzjoni ta' sentenza (f'dan il-każ, sentenza definittiva ta' manteniment) li ngħatat minn Qorti barranija. Huwa minnu li jingħad li "*Article 6(1) continues to apply through to the enforcement stage. For example, in legal systems where liability is determined initially in criminal proceedngs but where the amount of damages is set subsequently, article 6(1) remains relevant. Execution of a judgment is deemed to be part of the trial itself and*

[13] Dan il-fatt joħroġ ċar jekk wieħed jara l-verżjoni oriġinali tas-sentenza fl-ilsien fjamming f'Dok "MP1", f'paġ. 212 tal-proċess

*therefore is governed by article 6(1)*"[14]. Dan huwa prinċipju li ilu jitħaddem minn qari tal-Konvenzjoni[15]. Madankollu, dan il-prinċipju jfisser li l-ħarsien tal-jedd fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jidher li aktar jgħodd għal min tkun ingħatat favurih sentenza li jrid jesegwixxi, milli li jinħalqu mill-ġdid jeddijiet għal min irid iżomm jew iwaqqaf dik l-eżekuzzjoni;

"Illi r-rikorrent isejjes il-kawża tiegħu kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq dawk tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

"Illi, fil-partijiet rilevanti tiegħu, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*(2) Kull Qorti jew awtorità oħra mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjonijiet ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli. (3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta' kull qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni ta' l-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorità ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-qorti jew awtorità oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku*". Filwaqt li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi*";

"Illi fir-rigward tal-ewwel kawżali li l-Qorti ma tatx wisgħa għal smigħ għal trattazzjoni, ir-rikorrent jgħid li dak in-nuqqas ġablu ħsara li, minħabba fiha, ma tħalliex ifisser lill-Qorti b'aktar reqqa dak li kien semmielha fis-sottomissjonijiet tar-rikors imressaq minnu fl-14 ta' Novembru, 2016. Għal dan l-aggravju, l-intimati jgħidu li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ħarset b'reqqa l-liġi proċedurali fejn tidħol l-eżekuzzjoni ta' sentenza dwar manteniment. Fir-Regolament li jirregola l-proċedura f'każ ta' sentenza barranija mogħtija fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja marbut bil-Protokoll tal-Ajja tal-2007 li tkun trid tiġi eżegwita f'Malta, ma jissemma l-ebda smigħ "*viva voce*", għaliex l-eżekuzzjoni ta' sentenza bħal dik issir minnufih mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà jew ta' enforzabilità. Minbarra dan, iżidu jgħidu li kieku tassew li r-rikorrent kellu xi lment kontra d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Belġju, messu talab reviżjoni quddiem dik il-Qorti u mhux wara li tnieda l-proċess tal-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza ta' manteniment li ngħatat kontrih;

[14] W A Schabas The European Convention on Human Rights: A Commentary (OUP 2015) pġ. 276

[15] Ara, b'eżempju, Q.E.D.B. **19.3.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Hornsby vs Greċja*** (Applik, Nru. 18357/91) § 40, Q.E.D.B. **18.11.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Romanczyk vs Franza*** (Applik. Nru. 7618/05) § 53 u Q.E.D.B. **22.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Central Mediterranean Development Corporation Ltd vs Malta (Nru. 2)*** (Applik. Nru. 18544/08) § 19

"Illi f'dan ir-rigward il-ħtieġa li smigħ ta' każ isir fil-pubbliku – kemm għall-finijiet tal-artikolu 39(3) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni – ma jfissirx li, tabilfors, irid isir smigħ bil-fomm fis-sura ta' trattazzjoni tal-kwestjoni[16]. L-għan tas-smigħ pubbliku mitlub fl-imsemmija dispożizzjonijiet huwa dak li wieħed jaċċerta li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun taħt skrutinju pubbliku u 'l bogħod mill-biżgħa tat-tmexxija arbitrarja[17]. Iżda, lil hinn minn hekk, in-nuqqas fih innifsu ta' smigħ li matulu jitressqu sottomissjonijiet ma jitqiesx bħala ksur ta' dak il-prinċipju, b'mod partikolari fejn, f'ċerti proċeduri, dan ma jkunx meħtieġ. Kemm hu hekk jingħad li "*Despite the literal terms of article 6(1), the Court has said that this obligation is not an absolute one and that a 'hearing' may be dispensed with. There may be circumstances where the procedure is entirely written and where the parties do not have an opportunity to have a direct contact with the members of the tribunal concerned, without this being deemed a violation of article 6(1). In particular, a hearing may not be required where issues of credibility or contested facts do not arise, and where a fair assessment may reasonably be made based upon written submissions and other materials. .. the denial of a hearing is not confined only to 'rare cases*"[18]. Hemm linja ta' duttrina li saħansitra tgħid li "*The question whether a person should be heard in person has strictly speaking nothing to do with the publicity requirement*"[19];

"Illi l-Qorti ttenni li, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tar-rikorrent, u fil-qafas tal-għamla ta' proċedura li kien inqeda biha (jiġifieri, dik li tikkontesta l-eżegwibilità ta' sentenza li kienet saret ġudikat, dawn il-kunsiderazzjonijiet jgħoddu aktar. Min-naħa l-oħra, il-fatt li r-rikorrent ressaq sottomissjonijiet bil-miktub (u li kienu motivati b'reqqa) ma neħħilux il-jedd tiegħu li jingħata widen mill-Qorti li quddiemha ressaq dak l-att ġudizzjarju. Il-Qorti ssib li b'daqshekk ma twettaqx ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, u l-fatt li ma ngħatatx opportunità biex l-avukati tiegħu jfissru b'aktar dettal dak li qal fir-rikors ma jfissirx li l-Qorti Ċivili ċċaħħdet minn tagħrif meħtieġ jew minn sottomissjonijiet li bihom setgħet tasal għal fehma. B'mod partikolari, n-nuqqas ta' smigħ '*viva voce*' fi proċedura partikolari bħalma kienet dik li tnediet ma jġibx b'daqshekk iċ-ċaħda tal-jedd bażilari li minnu jilmenta;

"Illi għalhekk, l-ilment tar-rikorrent taħt din il-kawżali ma jidhirx mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa';

"Illi fit-<u>tieni kawżali</u> msemmija mir-rikorrent, l-ilment tiegħu ġej mill-fatt li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat provvediment xott u bla tismija ta' raġunijiet li wassluha biex tiċħadlu t-talba. Huwa jgħid li l-ħtieġa ta' deċiżjoni motivata hija waħda mill-prinċipji ewlenin ta' ħaqq naturali u l-

[16] P.A. Kost. TM **27.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Gourmet Co Ltd vs Avukat Ġenerali***
[17] Ara van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4th Edit, 2006) §10.6 pġġ. 597 – 8
[18] W A Schabas *op. cit* pġ. 289
[19] van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit* §10.6 pġġ. 599

ksur tiegħu jissarraf fi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, minbarra li żammitu milli seta' jressaq appell minn dak il-provvediment;

"Illi għal dan l-ilment l-intimati jilqgħu billi jgħidu li l-aqwa argument kontra l-ilment tar-rikorrent huwa l-kontenut tat-tweġiba li d-Direttur intimata kienet ressqet kontra r-rikors tiegħu. Dan jgħiduh għaliex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) adottat dak li d-Direttur kellha x'tgħidilha fl-imsemmija Tweġiba u b'hekk ċaħdet it-talba tar-rikorrent. Din il-motivazzjoni tad-degriet ta' dik il-Qorti kienet biżżejjed biex twaqqa' l-argument tar-rikorrent li d-degriet kien mingħajr motivazzjoni;

"Illi f'qagħda bħal din tixraq l-osservazzjoni li "*.. an additional element of 'fair hearing' is the requirement that the judicial decision must state the reason on which it is based. The extent to which the requirement applies depends on the 'nature of the decision' and can only be assessed in the circumstances of each individual case. .. It is clear that the court is not obliged to give a detailed answer to every argument. When a motivation is lacking altogether, the remedies provided for are likely to become illusory. The detail into which the statement of th reason must go is, therefore, determined by what an effective remedy against the decision requires in each particular case*"[20];

"Illi l-Qorti tqis li d-degriet tat-3 ta' Diċembru, 2016, mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u li minnu jilminta r-rikorrent ingħata kameralment u kien jirreferi għat-tweġiba li kienet tat id-Direttur intimata kontra t-talba tiegħu biex ma tħallix li tinqata' mis-salarju tiegħu s-somma ta' manteniment fissata mill-Qorti tal-Belġju. Terġa' tirrileva li dak il-provvediment ingħata fil-qafas ta' proċedura li, min-natura tagħha, hija waħda sommarja għaliex tirreferi għal eżekuzzjoni ta' titolu miksub b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat. Minn dak li jista' jidher mill-atti, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet addottat l-argumenti tad-Direttur u, bla ma qagħdet ittennihom, waslet biex qatgħetha li r-rikors tar-rikorrent ma kienx mistħoqq. Kemm hu hekk, l-istess degriet "jirreferi lir-rikorrent" għall-imsemmija tweġiba. L-imsemmija Tweġiba tinsab riprodotta kollha fir-rikors promotur ta' din il-kawża u dan juri li r-rikorrent kien jaf x'tgħid;

"Illi fil-fehma tal-Qorti, dan jixhed li kien hemm raġuni li wasslet lil dik il-Qorti biex tiċħad it-talba tar-rikorrent u li idderiġietu biex jagħraf tali raġuni fl-att ġudizzjarju li kienet ressqet id-Direttur. Il-Qorti tifhem ukoll li r-raġuni ingħatat fid-degriet. Ir-rikorrent ma jistax jilminta li dan żammu tassew milli jara x'kienu l-argumenti li ġabet id-Direttur intimata jew li, jekk kien il-każ, ma kellux fuqiex seta' jressaq appell minn dak id-degriet. Ma jkunx żejjed lanqas li jingħad li l-liġi kienet tagħti lir-rikorrent rimedju li bih seta' jitlob ir-reviżjoni tas-sentenza barranija li ntalbet l-eżekuzzjoni tagħha f'Malta, imma huwa naqas li jinqeda bih. Minflok, jilminta li ma ngħatax opportunità li jappella mid-degriet (tat-3 ta' Diċembru, 2016) li ċaħad talba tiegħu għar-rikonsiderazzjoni tal-ewwel

[20] van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit* §10.6 pġġ. 595

degriet li ngħata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (jiġifieri dak tat-8 ta' Novembru, 2016) li laqa' t-talba tad-Direttur intimata li jibda jsir tnaqqis mill-ewwel mis-salarju tiegħu;

"Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas taħt din il-kawżali ma jirriżulta li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

"Illi għal dak li jirrigwarda t-tielet kawżali li l-proċess kollu tal-eżekuzzjoni tas-sentenza barranija hu mtebba' bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, il-Qorti tqis li r-rikorrent jidher li jsejjes dan l-ilment fuq il-fatt tal-allegat nuqqas ta' siwi tal-att ġudizzjarju li bih inbdiet il-proċedura mnedija mid-Direttur intimata biex tikseb l-eżekuzzjoni tas-sentenza barranija. Fir-rikors li bih fetaħ din il-kawża jsemmi l-fatt li l-kopja tas-sentenza barranija li kien notifikat biha "ma kinitx kompluta";

"Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati jwarrbu dan l-ilment fuq l-istess argumenti li ġabu 'l quddiem fil-każ tal-imsemmija l-ewwel żewġ kawżali, u kif ukoll billi jfissru f'dettal x'titlob il-liġi biex tista' titmexxa 'l quddiem proċedura bħal din[21]. B'mod partikolari, jisħqu li r-rikorrent ma jistax jilminta li ngħata biss estratt tal-kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell tal-Belġju, u dan għaliex l-artikolu 20 innifsu tar-Regolament Komunitarju jistabilixxi li l-parti li kontra tagħha tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza bħal dik għandu jkun notifikat b'estratt tas-sentenza eżegwita[22];

"Illi l-Qorti ssib li, b'żieda mar-raġunijiet li ngħataw dwar l-ewwel żewġ kawżali mqajma mir-rikorrent, kellu jintwera li kien hemm xi ċirkostanza jew ċirkostanzi li juru li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet imxiet bi ksur ta' dak li tippreskrivi l-liġi. Dan id-dmir kien jaqa' fuq ir-rikorrent biex jurih fi grad tajjeb biżżejjed kif titlob kawża bħal din tallum;

"Illi r-rikorrent lanqas fis-sottomissjonijiet tal-għeluq ma fisser kif din il-kawżali żżid raġunijiet ġodda lil hinn minn dawk li semma fiż-żewġ kawżali ta' qabel. Ma hemmx dubju li l-proċess twettaq b'ħarsien ta' dak li titlob il-liġi speċjali li taħtu tmexxa u ma ntweriex li r-riżultat kien miksub b'xi nuqqas li ta lil xi parti vantaġġ mhux mistħoqq fuq xi parti oħra. Ukoll kieku l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) wettqet ksur ta' xi regola proċedurali (li, minn dak li setgħet tara din il-Qorti, ma huwiex il-każ), dan waħdu ma jġibx b'daqshekk ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq "għax għandu jkun ċar li mhux kull ksur tal-liġi proċedurali neċessarjament iwassal għal leżjoni ta' dan id-dritt"[23];

"Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tintilef fi stħarriġ mirqum tal-**ewwel eċċezzjoni preliminari** mqajma mill-intimati dwar jekk l-intimat Avukat Ġenerali huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Tgħid biss li, ladarba biċċa

---

[21] L-Ordni tal-2011 dwar l-Obbligi Internazzjonali dwar Manteniment (A.L. 452 tal-2011) (L.S. 460.25)
[22] Reg. 20 tar-Reg. 4/2009KE
[23] Kost. **25.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Patrick Spiteri vs Avukat Ġenerali et*** § 28

> sewwa mill-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali jirrigwarda l-imġiba ta' qorti (l-Qorti Ċivili (Sezzjoni al-Familja)), ma jistax jingħad li l-intimata l-oħra għandha titqies bħala l-Kap tad-Dipartiment li twieġeb għall-Qrati għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa ġeneralment l-intimat Avukat Ġenerali li jidher biex iwieġeb għal ilmenti ta' din l-għamla".

## L-Appell tal-Attur

6. L-attur ipprezenta l-appell tieghu fit-28 ta' Novembru, 2018, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

> "….tilqa' dan l-appell, thassar is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2018 fuq imsemmija u konsegwentament tilqa' it-talbiet kollha tar-atturi bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati".

7. L-aggravji principali tieghu huma fis-succint: [a] L-ewwel Qorti u l-Qorti tal-Familja naqsu milli jikkonsidraw li fid-dritt internazzjonali privat il-kontumacja tfisser oppozizzjoni ghall-gurisdizzjoni tat-tribunal esteru; [b] L-ewwel Qorti ma tatx kaz li bil-mod kif il-Qorti tal-Familja pprovdiet dwar ir-rikors tas-26 ta' Ottubru 2016 ma kienx car jekk dan kienx digriet jew provvediment u b'hekk kien hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq; [c] L-ewwel Qorti bidlet ir-rekwizit ta' smigh xieraq ghal wiehed ta' smigh *viva voce* meta l-attur ma kienx qed jippretendi li jinstema' quddiem il-qorti ghalkemm kien hemm lok li hekk isir; [d] L-ewwel Qorti ma kienx deherilha li kien hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq meta l-Qorti tal-Familja cahdet it-talba tieghu minghajr ma tat ir-ragunijiet taghha u semplicement irriferiet ghar-risposta tal-kontro-parti; [e] L-ewwel Qorti kellha tiddeciedi li l-ezekuzzjoni tas-sentenza estera kienet nulla ghaliex kienet difettuza.

8. Fir-risposta taghhom l-intimati jwiegbu ghall-aggravji tal-attur bil-mod li gej: [a] ir-riferenza ghall-Artikolu 826 *et seq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kap.12] li tifforma l-meritu tal-ewwel aggravju ma kinitx saret quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk l-aggravju ma setax jigi accettat, izda minkejja dan u minghajr pregudizzju, irrilevaw li l-Artikolu 825A tal-Kap. 12 hu applikabbli u b'hekk tipprevali l-procedura li jipprovdi ghaliha r-Regolament [KE] 4/2009 [ir-Regolament] li bhala konsegwenza tieghu m'hemmx bzonn ta' dikjarazzjoni ta' enforzar ta' decizjoni estera; [b] id-digriet tal-Qorti tal-Familja hu motivat sew u l-motivazzjoni taL-ewwel Qorti kienet tinstab fir-risposta tal-intimat Direttur li ghaliha ghamlet riferenza; [c] l-imsemmi Regolament ma jehtieg l-ebda formalita` ghall-inforzar; [d] jekk il-procedura fil-Belgju kienet monka kif jghid l-attur, hu kellu jistitwixxi proceduri legali fil-gurisdizzjoni appozita.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.</u>

*L-ewwel aggravju: [L-ewwel Qorti u l-Qorti tal-Familja naqsu milli jikkonsidraw il-effetti legali tal-kontumacja tieghu]*

9. Fl-ewwel aggravju tieghu l-attur ighid li wahda mir-ragunijiet ghaliex inghatat is-sentenza tat-tribunal esteru kienet il-kontumacja tieghu. Jissottometti li stante li, skont hu, il-Protokoll tal-Aja tal-2007 ma jaghmilx parti mill-*Acquis Communitaire*, japplikaw l-Artikolu 826 *et seq* tal-Kap.

12. Min-naha taghhom l-intimati jilqghu billi jghidu li ma jistghux jitressqu kwistjonijiet godda quddiem din il-Qorti filwaqt li jaghmlu referenza ghall-gurisprudenza ta' din il-Qorti u wkoll ghal dik tal-Qorti tal-Appell [Inferjuri] in sostenn tal-argument taghhom.

10. Sewwa jghidu l-intimati. L-attur fir-rikors promotur tieghu ma jissolleva mkien il-fatt tal-kontumacja tieghu fil-proceduri quddiem il-qorti estera u lanqas ma jilmenta mill-fatt li L-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra dan il-punt. Dan jinghad ukoll ghan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tat-12 ta' April 2018 fejn kemm fis-sottomissjonijiet dettaljati, kif ukoll fil-punti tal-ahhar, il-kwistjoni tal-kontumacja tieghu quddiem il-qorti estera ma titqajjimx. B'hekk allura ma jistax l-attur jitfa' l-htija fuq L-ewwel Qorti u jghid li din naqset fil-konsiderazzjonijiet taghha. Issa skont il-principju ta' *noviter deductus* bhala regola mhux permess li jitqanqlu kwistjonijiet godda fl-istadju tal-appell li mhux biss jissorprendu lill-parti l-ohra izda jekk accettati dik il-parti l-ohra ma jkollhiex id-dritt ta' ezami doppju fejn din il-Qorti taghmel revizjoni tal-process tal-ewwel istanza. Ghalhekk l-attur ma kienx korretta meta f'dawn il-proceduri jqajjem il-kwistjoni tal-kontumacja tieghu quddiem din il-Qorti meta dan sahansitra seta' sar ferm qabel, quddiem qorti ohra.

11. Izda din il-Qorti, tenut kont tan-natura tal-aggravju li jirrigwarda materja ta' gurisdizzjoni u applikabbilita` tad-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta'

Organizzazzjoni u Procedura Civili taht it-titolu "**Fuq l-Ezekuzzjoni ta' Sentenzi ta' Tribunali ta' Pajjizi Barra Minn Malta**", tikkonsidra doveruz li xorta wahda ghandha tinvesti l-punt sollevat mill-attur.

12. Fis-succint l-attur fisser hekk dan l-aggravju:

> "Huwa minnu li l-Protokoll tat-23 ta' Novembru 2007 *On the Law Applicable to Maintenance Obbligations* gie ffirmat mill-Istat Malti izda ma hemmx ir-ratifika mehtiega u l-legislazzjoni necessarja sabiex taghmel id-dispozizzjonijiet ta' dak il-Protokoll parti mill-Ordinament Guridiku ta' pajjizna. Fin-nuqqas tal-Legislazzjoni li timplimenta dak il-Protokoll jibqghu japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 826 u 827 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-ewwel ksur tad-dritt fundamentali ta' nuqqas ta' smiegh xieraq huwa l-fatt fil-proceduri mibdija f'Malta mid-Direttur appellat f'Marzu 2016, li bihom talab/talbet lill-Qorti Civili Sezzjoni Familja biex tordna li b'ezekuzzjoni ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell tal-Belgju tlett snin qabel, ma tatx l-opportunita` lill-appellanti li jopponi ghal dik l-ezekuzzjoni ghar-ragunijiet fuq imsemmija li kienu wisq evidenti u cari ghal minn verament huwa stradad fil-mekkanizmu tal-ezekuzzjoni ta' sentenzi ta' Tribunali Esterni: kien ovvju li f'dan il-kaz kellha tintuza' l-procedura tal-'Exequatur' definita fl-Artikolu 826 et seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta".

13. Min-naha tieghu d-Direttur konvenut jirribatti li mhuwiex legalment korrett li jinghad li l-Protokoll tal-Aja tas-sena 2007 ma jifformax parti mill-*aquis communitaire* tal-Unjoni Ewropea. Dan it-trattat jifforma parti kemm mill-ligi tal-Unjoni Ewropeja kif ukoll mill-ordni guridiku Malti. Huwa fisser hekk ir-risposta tieghu:

> "Illi *a contrario* ghal dak maghdud mill-appellant, il-Protokoll tal-2007 jifforma parti mill-*Acquis Communitaire* tant li kienet l-istess Unjoni Ewropeja li ezercitat il-kompetenza taghha sabiex taderixxi ghall-Protokoll. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-Artikolu 24 tal-istess Protokoll li jaqra s-segwenti:

"1. Organizzazzjoni Regjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika li hija maghmula minn Stati sovrani biss u li ghandha l-kompetenza fuq il-materji kollha rregolati minn dan il-Protokoll jew fuq xi whud minnhom tista' wkoll tiffirma, taccetta, tapprova u taderixxi ghall-Protokoll. F'dak il-kaz, l-Organizzazzjoni Regjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika ghandu jkollha d-drittijiet u l-obbligi ta' Stat Kontraenti, safejn l-Organizzazzjoni ghandha kompetenza fuq materji rregolati mill-Protokoll.

"2. L-Organizzazzjoni Regjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika ghandha, fil-mument tal-iffirmat, l-accettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adezjoni, tavza lid-depositarju bil-miktub dwar il-materji rregolati mill-Protokoll li l-kompetenza taghhom giet trasferita ghal dik l-organizzazzjoni mill-Istati Membri taghha. L-Organizzazzjoni ghandha tinnotifika minnufih lid-depositarju bil-miktub dwar kull bidla fil-kompetenza taghha kif specifikat fl-avviz l-iktar ricenti moghti taht dan il-paragrafu.7

"3. Fil-mument tal-firma, l-accettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adezjoni, Organizzazzjoni Regjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika tista' tiddikjara, skont l-Artikolu 28, li tezercita kompetenza fuq il-materji kollha rregolati mill-Protokoll u **l-Istati Membri li ttrasferixxew il-kompetenza ghall-Organizzazzjoni Regjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika fir-rigward tal-materja inkwistjoni ghandhom ikunu marbuta permezz tal-firma, l-accettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adezjoni tal-Organizzazzjoni**.[24]

"4. Ghall-finijiet tad-dhul fis-sehh tal-Protokoll, kwalunkwe strument iddepositat minn Organizzazzjoni Regjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika m'ghandux jittiehed f'konsiderazzjoni sakemm l-Organizzazzjoni Regjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika ma taghmilx dikjarazzjoni skont il-paragrafu 3.

"5. Kwalunkwe referenza ghal "Stat Kontraenti" jew "Stat" fil-Protokoll tapplika b'mod ugwali, fejn ikun xieraq, ghal Organizzazzjoni Regjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika li hi Parti fiha. Fil-kaz li tkun maghmula dikjarazzjoni minn Organizzazzjoni Regjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika skont il-paragrafu 3 kwalunkwe referenza ghal "Stat Kontraenti" jew "Stat" fil-Protokoll tapplika b'mod ugwali, fejn ikun xieraq, ghall-Istati Membri rilevanti tal-Organizzazzjoni.

"12. Tant tifforma parti mill-*Acquis* Kommunitarja li hemm ukoll Decizjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konkluzjoni mill-Komunita` Ewropea tal-Protokoll tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Ligi Applikabbli ghall-Obbligi ta' Manteniment (2009/941/KE)[25]. Din twassal lill-esponenti ghalhekk sabiex tissottometti li gialadarba li l-Protokoll jifforma parti integrali mil-Ligijiet tal-Unjoni Ewropeja ma kienx hemm il-htiega li ssir ir-ratifika tal-imsemmi protokoll. Li kien jehtieg huwa li jigi implementat ir-Regolament tal-Unjoni Ewropeja li fil-fatt gie implementat fil-Ligijiet ta' Malta permezz ta' Avviz Legali 452 tal-2011 (L.S 460.25 Ordni dwar l-Obbligi Internazzjonali ta' Manteniment).

[24] *ibid*

[25]http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=OJ:JOL_2009_331_R_0017_01&from=EN

"13. Illi l-Protokoll tal-Aja tal-2007 jirregola l-ligi applikabbli ghall-obbligi ta' manteniment u mhux il-procedura ta' enforzar; huwa r-Regolament li jirregola l-procedura ta' rikonoxximent u enforzar ta' decizjonijiet fuq l-obbligi ta' manteniment. Huwa ghal dan ir-raguni li r-Regolament ma tmissx il-procedura tal-Protokoll. Fi ftit kiem ir-Regolament qiegehd hemm sabiex jirregola dak li l-Protokoll mhux qieghed jirregola.

"14. Illi Artiklu 15 tar-Regolament (KE) 4/2009 jaghmel referenza ghal Protokoll tal-Aja 2007 li jipprovdi li '*Il-ligi applikabbli ghall-obbligi ta' manteniment ghandha tigi determinata skont il-Protokoll tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-ligi applikabbli ghal obbligi ta' manteniment (minn hawn 'il quddiem imsejjah "il-Protokoll tal-Aja 2007") fl-Istati Membri marbutin b'dak l-istrument*.' L-artikolu sussegwenti ghal dan jirregola l-proceduta ta' rikonoxximent u enforzar tad-decizjonijiet u l-procedura hija diviza skont jekk id-decizjoni hijiex moghtija minn Stat Membru marbuta o meno bil-Protokoll tal-2007/.

"15. Illi dak li ghandu jigi kkunsidrat fil-kaz odjern hija l-procedura ta' enforzar per se li hija regolata bir-Regolament. Gialdarba l-procedura ta' enforzar hija determinata fir-Regolamemt (KE) 4/2009, hija dik il-proceduta li tipprevalixxi irrispettivament minn dak li hu regolat fil-ligi nazzjonali. Dan qiegehd jinghad fid-dawl tal-Artikolu 825A tal-Kap 12, li huwa l-artikolu applikabbli fil-kaz de quo u mhux l-Artikolu 826 u 827.

"16. Illi fid-dawl ta' dak hawn maghdud, l-esponenti ser jghaddu issa biex jispjegaw l-applikazzjoni tar-Regolament ghal kaz odjern. F'kaz ta' ezekuzzjoni ta' decizjonijiet mehudin mill-Qrati ta' Stati Membri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 4/2009 jiddistingwixxi bejn decizjonijiet mehuda fi Stat Membru marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 u decizjonijiet moghtija fi Stat Membru mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 u tali distinzjoni tohrog bejn Kapitolu 3, Sezzjoni I (Artikoli 17 sa 22) u Kapitolu 3, Sezzjoni II (Artikolu 23 sa 41) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 rispettivament.

"17. Illi wahda mid-differenzi bejn il-pajjizi marbutin bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 u dawk li ma humiex hekk marbutin bil-Protokoll, ai fini tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, hija li fil-pajjizi li ma humiex marbutin bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 l-ewwel jehtieg li jkun hemm procedura ghal dikjarazzjoni ta' enforzar qabel ma jkun hemm l-ezekuzzjoni tad-decizjoni.

"18. Illi fil-kaz ta' pajjizi li huma marbutin bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 <u>ma hemmx bzonn ta' dikjarazzjoni ta' enforzar u dan ai termini tal-Artikolu 17 (2)[26] tar-Regolament surreferit, u ghalhekk id-decizjoni barranija tista' tigi enforzata minghajr il-htiega ta' rikonoxximent u aktar</u>

[26] 'Decizjoni moghtija fi Stat Membru marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 u li hija ezegwibbli f'dak l-Istat ghandha tkun ezegwibbli fi Stat Membru iehor **<u>minghajr il-htieg ta' ebda dikjarazzjoni ta' ezekutorjeta`</u>**.' (Enfazi mizjud)

> u aktar minghajr il-htiega ta' dikjarazzjoni ta' enforzabbilita`/dikjarazzjoni ta' ezekutorjeta`.
>
> "19. Illi fil-kaz odjen kemm Malta u l-Belgju huma zewg Stati Memrbi marbutin bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 u ghalhekk japplika Kapitolu 3, Sezzjoni I (Artikoli 17 sa 22) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, b'dan ifisser ghalhekk li ma hemmx bzonn ta' dikjarazzjoni ta' enforzabbilita`/dikjarazzjoni ta' ezekutorjeta`".

14. Din il-Qorti tissenjala li minn dak premess u, senjatament mir-risposta tad-Direttur intimat, ghandu jirrizulta manifest li fil-kaz odjern l-imsemmi Regolament gie implimentat fl-ordni legali ta' Malta permezz tal-Avviz Legali 452/2011 intestat "**Ordni tal-2011 Dwar l-Obbligi Internazzjonali ta' Manteniment**" li fl-Artikolu numru 2 tieghu jghid:

> "Dan l-ordni jimplimenta d-dispozizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nr 4/2009 tat-18 ta' Dicembru 2008 dwar il-gurisdizzjoni, il-ligi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni tad-decizjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma'obbligi ta' manteniment".

15. Ghalhekk ghandu jkun manifest li ladarba r-Regolament jifforma parti mill-Ligi Maltija ghandu japplika ghall-kazijiet bhal dawk in dizamina d-dispost tal-Artikolu 285A tal-imsemmi kodici.

16. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-attur mhux gustifikat u qed tichdu.

*It-tieni aggravju:* *[ma kienx car jekk id-decizjoni tal-Qorti tal-Familja kienx jikkostitwixxi digriet jew provvediment bi ksur ta' smigh xieraq]*

17. L-attur jissottometti li raguni ohra in sostenn tal-argument tieghu ta' nuqqas ta' smigh xieraq hu, li l-mod li bih provdiet il-Qorti tal-Familja fuq ir-rikors tieghu hu ambigwu. Jispjega li ma hux car jekk dik il-Qorti pprovdietx permezz ta' sentenza jew permezz ta' digriet interlokutorju bil-konsegwenza li hu ma setax jghid x'kienu d-drittijiet procedurali tieghu. Meta mbaghad ghamel talba quddiem dik il-Qorti sabiex tispjega n-natura tal-provvediment, dik il-Qorti cahdet it-talba tieghu. Minkejja dan L-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra dan il-fattur iehor.

18. Hu minnu li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra dan il-punt izda din il-Qorti tikkonsidra li dan in-nuqqas, kemm tal-Qorti tal-Familja kif ukoll tal-ewwel Qorti ma setax kien ta' pregudizzju ghall-attur, tant hu hekk li huwa pprezenta l-appell odjern fiz-zmien moghti mil-ligi ghal appelli minn sentenzi tal-ewwel istanza u ma giet sollevata ebda eccezzjoni ta' irritwalita` tal-appell tieghu mill-kontro parti. Inoltre mill-atti ma jirrizultax li l-attur talab il-permess tal-Qorti tal-Familja biex jappella mid-digriet in kwistjoni, u minflok beda l-proceduri kostituzzjonali odjerni.

19. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-tielet aggravju: [l-ewwel kawzali: ma nghatax l-opportunita` li jinstema']*

*Ir-raba' aggravju: [il-Qorti tal-Familja addottat ir-ragunament tal-parti l-ohra bi ksur tad-dritt ghal smigh xieraq]*

20. L-attur jissottometti li, filwaqt li L-ewwel Qorti kienet interpretat is-smigh xieraq bhala smigh *viva voce*, hu ma kienx qed jippretendi li kellu jinstema' *"in open court".* Huwa jispjega hekk dan l-aggravju:

> "...Dwar il-kwistjoni li l-Qorti ma tatx wisa ghal smiegh ghal trattazzjoni jidher car li L-ewwel Qorti biddlet ir-rekwisiti ta' 'smiegh xieraq' ghal 'smiegh *viva voce'*, meta effettivament dak li qed jilmenta minnu l-attur appellant huwa in-nuqqas ta' 'smiegh xieraq' li huwa t-traduzzjoni ta' 'fair hearing' u dana bl-ebda mod u fl-ebda mument ma l-esponenti ppretenda li kellu bilfors ikun *'in open court'.* Li kieku l-esponenti nghata l-opportunita` li jispjega d-difiza tieghu kieku per ezempju kien jibda biex ifisser lill-Qorti ghaliex l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti Belgiana ma kinitx wahda awtomatika izda li l-attur kellu dritt iressaq oppozizzjoni ghaliha u jirrileva l-fatt li s-semplici kontumacja tieghu quddiem il-Qorti Estera kienet minnha nfisha oppozizzjoni ghal gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti u ghalhekk dik is-sentenza ma setghet qatt tigi nfurzata awtomatikament hawn Malta".

21. L-intimati jilqghu ghal dan l-aggravju b'mod generali billi jghidu li l-attur naqas milli jispjega ghaliex hu qed iqis lilu innifsu bhala vittma ta' ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Imbaghad jghaddu sabiex jaghmlu zewg sottomissjonijiet fil-mertu: [a] il-fatt li ma saret l-ebda seduta ghas-smigh *viva voce* ma jwassalx necessarjament ghal ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq; [b] il-Qorti tal-Familja kienet qeghda tottempora ruhha mal-procedura applikabbli skont ir-Regolament tal-Kunsill [KE] Nru. 4/2009. Skont dan ir-Regolament il-Qorti tal-Familja ma kellha l-ebda obbligu li zzomm seduta u r-rikors ipprezentat mid-Direttur kien wiehed mhux ghal dikjarazzjoni ta' enforzabbilita` izda biex l-ammont

ta' manteniment jithallas direttament lil Karina Pesa mis-socjeta' ma' min kien jahdem l-attur. Issa mill-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja jirrizulta li l-attur kien inghata l-opportunita` li jirrispondi ghar-rikors tad-Direttur u wkoll ma kienx gie mcahhad milli jipprezenta r-rikorsi tieghu. Huma jaghmlu referenza ghall-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati in sostenn tal-argument li ghall-fini ta' smigh xieraq ma kienx necessarju li persuna tinghata l-opportunita` li tinstema' *viva voce* u ghalhekk L-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha.

22. L-ewwel Qorti ma' laqghetx l-ilment tal-attur wara li kkunsidrat is-segwenti fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz tal-attur u tal-procedura li nqeda biha: [i] in-nuqqas ta' smigh *viva voce* ghall-fini ta' sottomissjonijiet ma jitqiesx bhala ksur tar-rekwizit ta' smigh pubbliku b'mod partikolari f'proceduri fejn tali smigh ma jkunx mehtieg; [ii] il-fatt li l-attur ressaq is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub u li l-avukati tieghu ma fissrux f'aktar dettal dawk is-sottomissjonijiet miktuba, ma jfissirx li kien hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq.

23. Din il-Qorti tikkondividi dawn il-konsiderazzjonijet taL-ewwel Qorti u taqbel mar-ragunijiet li wassluha ghal konkluzjoni taghha. Qabel xejn tosserva li mhux korrett l-attur meta jghid li L-ewwel Qorti kkonsidrat li smigh xieraq ghandu jkun smigh *viva voce.* Kif jirrizulta mill-paragrafu ta' qabel dan, fl-istharrig tal-ilment tal-attur taht is-subartikolu 39[2] tal-

Kostituzzjoni l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, dik il-Qorti kkunsidrat li, ghalkemm ma nghatax l-opportunita` li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu quddiem il-Qorti, tatu l-opportunita` li jaghmel dan bil-miktub. Sahansitra kkonsidrat ukoll jekk smigh ghandux isir fil-pubbliku.

24. Kif sewwa tghid L-ewwel Qorti, in-nuqqas ta' smigh quddiem il-Qorti tal-Familja ghandu jigi kkonsidrat fl-isfond shih tal-kaz imressaq mill-attur. Hawn il-Qorti tirrileva li jirrizultaw zewg fatturi mportanti li jaghmlu l-kaz tal-attur wiehed dghajjef: [a] il-proceduri intavolati mid-Direttur kienu dawk intizi ghall-ezekuzzjoni tad-decizjoni mehuda minn qorti estera li skont ir-Regolament 4/2009 ma jirrikjedu l-ebda procedura formali ghal dikjarazzjoni tal-ezegwibbilita` ta' dik id-decizjoni jew jaghtu l-possibbilita` ta' oppozizzjoni ghall-ezekuzzjoni[27] u ghalhekk ma kien hemm l-ebda decizjoni dwar xi dritt jew obbligu tal-attur kif jirrikjedi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew is-subartikolu 39[2] tal-Kostituzzjoni. Wara kollox ma jirrizultax li l-attur ghamel uzu mid-drittijiet moghtija lilu skont l-istess Regolament 4/2009[28] sabiex jissalvagwardja l-pozizzjoni tieghu, u fid-

[27] Kapitolu III -Artikolu 17 tar-Regolament 4/2009. Dan jghid testwalment: *"2. A decision given in a Member State bound by the 2007 Hague Protocol which is enforceable in that State shall be enforceable in another Member State wthout the need for a declaration of enforceability."*

[28] Ibid -Artikoli 19 u 21. L-Artikolu 19 intestat **"Right to apply for a review"** jghid fil-paragrafu 1: *" A defendant who did not enter an appearance in the Member State of origin shall have the right to apply for a review of the decision before the competent court of that Member State where: (a) he was not served with the document instituting the proceedings or an equivalent document in sufficient time and in such a way as to enable him to arrange for his defence; or (b) he was prevented from contesting the maintenance claim by reason of force majeure or due to extraordinary circumstances without any fault on his part; unless he failed to challenge the decision when it was possible for him to do so."*

L-Artikolu 21 intestat **"Refusal or Suspension of Enforcement"** fil-paragrafu 2 jaqra hekk: *"The competent authority in the Member State of enforcement shall, on application by the debtor, refuse, either wholly or in part, the enforcement of the decision of the court of origin if the right to enforce the decision of the court of origin is extinguished by the effect of prescription*

dawl tan-nuqqas tieghu ma jistax issa jersaq 'il quddiem u jilmenta minn ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu mill-mod li mxiet bih L-ewwel Qorti. [b] ma jirrizultax li L-ewwel Qorti cahdet lill-attur l-opportunita` li jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu.

25. Din il-Qorti tissenjala li l-procedura adoperata ghal kazijiet bhal dawn hija ta' natura sommarja li jfisser li l-qorti gudikanti wara li tkun ikkonsidrat l-argumenti taz-zewg nahat tasal ghal decizjoni li mbghad tigi redatta bil-miktub b'mod sommarju. Is-sommarjeta ma tfissirx li l-qorti ma tikkonsidrax debitament l-argumenti tal-partijiet, izda li d-decizjoni tigi redatta fil-qosor, basta jkollha l-motivazzjoni mehtiega ghall-validita` ta' decizjoni. Din il-konsiderazzjoni iggibna ghall-konsiderazzjoni tar-raba' aggravju.

26. Ghall-ahjar intendiment tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward ta' dan l-aggravju, huwa opportun li r-ragunijiet kontenuti fir-risposta tad-Direttur ghar-rikors tal-attur tal-4 ta' Dicembru 2016 jigu riprodotti fl-intier taghhom:

> "i Illi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Dicembru 2008 dwar il-gurisdizzjoni, il-ligi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni tad-decizjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma'

---

*or the limitation of action, either under the law of the Member State of origin or under the law of the Member State of enforcement, whichever provides for the longer limitation period.*
*"Furthermore, the competent authority in the Member State of enforcement may, on application by the debtor, refuse, either wholly or in part, the enforcement of the decision of the court of origin if it is irreconcilable with a decision given in the Member State of enforcement or with a decision given in another Member State or in a third State which fulfils the conditions necessary for its recognition in the Member State of enforcement."*

obbligi ta' mantenimentjiffacilita l-irkupru internazzjonali tal-obbligi ta' manteniment u dan kif implimentat fil-Ligijiet ta' Malta permezz ta' Avviz Legali 452 tal-2011.

"ii. Illi f'kaz ta' ezekuzzjoni ta' decizjonijiet mehudin mill-Qrati ta' Stati Membri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 jiddistingwixxi bejn decizjonijiet mehuda fi Stat Membru marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 u decizjonijiet moghtija fi Stat Membru mhux **marbut** bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 u tali distinzjoni tohrog rispettivament bejn Kapitolu 3, Sezzjoni I (Artikoli 17 sa 22) u Kapitolu 3, Sezzjoni II (Artikolu 23 sa 41) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009.

"iii. Illi wahda mid-differenzi bejn il-pajjizi marbutin bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 u dawk li ma humiex hekk marbutin bil-Protokoll, ai fini tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, hija li fil-pajjizi li ma humiex marbutin bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 l-ewwel jrid jkun hemm procedura ta' rikonoxximent (maghrufa wkol bhala l-*exequatur*) qabel ma jkun hemm l-ezekuzzjoni tad-decizjoni.

"iv. Illi fil-kaz ta' pajjizi li huma marbutin bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 ma hemmx htiega li tintalab dikjarazzjoni ta'rikonoxxximent, u ghalhekk id-decizjoni barranija tista' tigi enforzata f'kwalunkwe pajjiz b'mod awtomatiku minghajr il-htiega ta' rikonoxximent.

"v. Illi Malta u Belgju huma zewg Stati Membri marbutin bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 u ghalhekk tapplika Kapitolu 3, Sezzjoni I (Artikolu 17 sa 22) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009. In vista ta' dan ma hemmx il-htiega li jintalab rikonoxximen u l-enforzar ta' decizjonijiet rigwardanti manteniment huwa wiehed awtomatiku.

"vi. Illi nonostante li ma hemmx il-htiega ta' rikonoxximent, debitur jista' jitlob sospensjoni jew rifjut ta' decizjoni milli tigi enforzata u dan ai termini tal-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, liema talba tista' ssit minghajr pregudizzju ghal applikazzjoni ghal revizjoni taht l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009.

"vii. Illi Regolament 5 tal-Avviz Legali 452 tas-sena 201 (Ordni dwar l-obbligi Internazzjonali ta' Manteniment) jispecifika li din l-Onoroabbli Qorti hija l-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi talba maghmula taht l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009. Maghdud ma' dan, appell minn din id-decizjoni tista' tigi intavolata quddiem il-Qorti tal-Appell ai termini tar-Regolament 7 tal-Avviz Legali 452 tas-sena 2011.

"viii. Illi l-konvenut Michael Pesa, ghad li inghata cans twil minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipprezenta l-oggezzjoni tieghu ghall-enforzar ai termini ta' Artikolu 21, huwa baqa' inadempjenti u ma ezercitax dan id-dritt skont il-procedura legali Maltija.

"ix. Illi in vista tas-suespost, appell jista' jsir biss wara li ssir talba lil din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill

> (KE) Nru 4/2009 u cioe talba ghal sospenzjoni u/jew revoka tal-enforzar tad-decizjoni Belgjana, liema talba qatt ma saret”.

27. L-attur jikkontendi wkoll li kien hemm ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq meta l-Qorti tal-Familja ma mmotivatx il-provvediment taghha u sahansitra wriet nuqqas ta’ imparzjalita` meta rriferietu ghar-risposta tal-parti l-ohra. Jaghmel riferenza ghall-konsiderazzjoni taL-ewwel Qorti dwar il-htiega o meno ta’ motivazzjoni dettaljata ghal kull argument tal-partijiet u jghid li bejn li ma tinghatax motivazzjoni fid-dettall u li jigi addottat u inkorporat ir-ragunament ta’ wiehed mill-partijiet kien hemm bahar jaqsam, sahansitra seta’ jinghad li hawn allura tirrizulta nuqqas ta’ motivazzjoni.

28. Fir-risposta taghhom l-intimati jsostnu li ghall-kuntrarju ta’ dak li jghid l-attur, id-digriet[29] tat-3 ta’ Dicembru 2016 tal-Qorti tal-Familja kien motivat sew permezz tar-riferenza ghar-risposta dettaljata u cara tad-Direttur minghajr il-htiega li din tigi replikata fid-digriet. L-istess risposta kienet giet notifikata lill-attur u ghalhekk hu kellu kull opportunita` li jaqraha.

29. Min-naha taghha L-ewwel Qorti qieset li d-digriet tat-3 ta’ Dicembru 2016 moghti mill-Qorti tal-Familja li dwaru qed isir l-ilment ta’ ksur, kien inghata kameralment u hawn terga’ ghal darb’ohra ttenni li l-procedura in

---

[29] Fil-parti rilevanti tieghu dan jaqra hekk*; “Filwaqt illi [il-Qorti]tirreferi lir-rikorrenti ghar-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment Ghal Standards fil-Harsien Socjali, Tichad it-talba”* [fol.270]

dizamina quddiem il-Qorti tal-Familja *"minn natura taghha, hija wahda sommarja ghaliex tirreferi ghal ezekuzzjoni ta' titolu miksub b'sentenza li tkun ghaddiet f'gudikat".* Tosserva li l-Qorti tal-Familja, minflok ma irripetiet dak li kien qal id-Direttur, addottat ir-ragunijiet tieghu kif imfissra fit-twegiba tieghu b'mod li irriferiet lill-attur ghalihom. L-ewwel Qorti osservat ukoll li wara kollox dik it-twegiba kienet tinstab riprodotta fl-intier taghha fir-rikors promotor tal-kawza li istitwixxa l-attur quddiemha u b'hekk dan kien xhieda tal-fatt li l-attur kien jaf x'tghid. Ghalhekk L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm motivazzjoni ghad-digriet tal-Qorti tal-Familja u sahansitra din kienet irreferiet lill-attur ghar-ragunijiet taghha kif imfissra fir-risposta tad-Direttur. B'hekk l-attur ma jistax validament jilmenta li hu ma kienx f'pozizzjoni li jappella minn dak id-digriet u rriteniet li ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

30. Hawn ukoll din il-Qorti taqbel mal-hsieb tal-ewwel Qorti. Qabel xejn l-ilment tal-attur ghandu jitqies fid-dawl kemm tan-natura tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja, li kif diga` nghad kienu ta' natura ezekuttiva u sommarja, u wkoll ghandu jigi meqjus il-process kollu quddiem dik il-Qorti. Jista' ghalhekk jinghad li, ghalkemm kien ikun aktar komdu ghall-partijiet, u forsi anke desiderabbli, li r-ragunijet moghtija fir-risposta tal-konvenut jigu inkorporati fid-digriet, ir-riferenza cara taghha ghal dawn ir-ragunijiet bhala r-raguni ghaliex hi kienet qeghda tichad ir-rikors tal-attur

hija sufficjenti sabiex jithares id-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Ma jistax validament jinghad li l-attur kien gie mcahhad milli jkun jaf ir-ragunijiet tad-decizjoni tal-Qorti tal-Familja ladarba dawn kienu jinstabu fir-risposta tad-Direttur. Hawn ukoll ma jistax jinghad li l-Qorti tal-Familja kisret id-dritt tieghu ta' access ghal qorti imparzjali. Il-fatt li dik il-Qorti kienet qieghda taqbel mar-ragunament ta' parti ma jistax titqiesx li allura ma baqghetx imparzjali. Wara kollox qorti ma tistax taccetta l-argumenti konfliggenti ta' zewg partijiet izda biss ta' wiehed minnhom. Min-naha tieghu l-attur ma ressaq l-ebda prova ohra minbarra dan il-fatt, biex jissostanzja l-argument tieghu li sofra nuqqas ta' smigh xieraq u din il-Qorti ma tistax tirravviza x'pregudizzju procedurali sofra l-attur bil-fatt li l-Qorti tal-Familja laqghet l-argumenti tad-Direttur u irreferiet ghalihom, liema ragunijiet jinsabu spjegati tajjeb u b'mod car fir-risposta tieghu.

31. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti ssib li dawn l-aggravji mhumiex gustifikati u qed tichadhom.

*Il-hames aggravju:* *[l-ezekuzzjoni tas-sentenza barranija kienet mtebba' bi ksur ta' smigh xieraq minhabba allegat nuqas ta' siwi tal-att gudizzjarju]*

32. L-attur fisser hekk dan l-aggravju:

> "Illi rigward it-tielet kawzali imsemmija fis-sentenza appellata hu ovvju li estratt ta' sentenza mhux l-istess bhal sentenza shiha u ghalhekk l-att ezekuttiv kien wiehed difettuz u parzjali. L-att ezekuttiv li l-konvenuta Direttur ippruvat tesegwixxi hawn Malta huwa s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Belgju fuq riferita. Wiehed ma jistax jesegwixxi titolu esekuttiv li huwa parzjali, difettuz u nieqes jew monk. Ghal dan id-difett l-ebda glossatura jew ragunament evaziv ma jista' jaghmel tajjeb u l-Ewwel Onorabbli Qorti messa iddecidiet li l-ezekuzzjoni tas-sentenza estera hija minn qassisha monka, difetturza u nulla".

33. Min-naha taghhom l-intimati jsostnu li l-Qorti tal-Familja kienet marbuta li tesegwixxi s-sentenza estera u kien jispetta lill-attur li jistitwixxi proceduri kif mehtiega fil-gurisdizzjoni appozita jekk deherlu li d-dritt tieghu taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kien gie lez b'dik is-sentenza.

34. Din il-Qorti tikkondividi u tqis legalment validu dak sottomess mill-konvenut fir-risposta tieghu ghal dan l-aggravju, jigifieri li, in mankanza ta' proceduri mressqa mill-attur ai termini tar-regolamenti 19 u 21 tar-Regolament u tar-regolament 5 tal-Avviz Legali 452/2011, il-Qorti tal-Familja kienet marbuta li tesegwixxi s-sentenza tal-Qorti Belgjana u hekk kif l-konvenut sar jaf bis-sentenza li taghha qed tintalab l-ezekuzzjoni kien jispetta lilu li jindirizza l-ilmenti tieghu ta' ksur tad-dritt ta' smigh xieraq fil-gurisdizzjoni appozita, f'dan il-kaz il-qrati Belgjani.

35. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwiex gustifikat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din l-Qorti tiddisponi mill-appell tar-attur billi tichdu.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, fil-waqt li dawk relatati mal-appell odjern ikunu kollha ghak kariku tal-istess attur.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb